21 ta' Novembru, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Francis Vella

**Ingombru — Triq — Passaġġ.**

*Huwa ħati ta' ingombru ta' triq anki dak li jingombra triq li hija privata, jekk it-triq hija suġġetta għall-passaġġ publiku.*

B'sentenza tagħha ta' 27 ta' Awissu 1953, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrat ta' *Malta* sabet *lil-imputat ħati talli* iddepożita materjal ta' bini fi trieq publika bla liċenza tal-Pulizija, talli ngombra l-imsemmija trieq bl-istess materjal, u talli ma obdiex l-ordnijiet tal-Pulizija billi naqas li jieħu permessjew li jneħħi l-imsemmi ngombru; u kkundannatu għall-piena ta' l-ammenda ta' 10s., u tagħtu terminu ta' sebat ijiem biex jikkonforma ruħu mal-liġi taħt penali ta' għaxar xelini kull jum f'każ ta' nuqqas;

L-imputat appella;

*Trat at l-appell. U din il-Qorti kkunsidrat;*

Tnejn huma, in sostanza, id-doljanzi tal-appell: waħda, illi t-trieq hi ta' proprjetà privata, għalkemm suġġetta għall-passaġġ publiku; u l-oħra li l-penali għall-każ ta' nuqqas jew dewmien hi eċċessiva;

Kwantu għall-ewwel doljanza:

Il-President Sir Joseph Carbone, sedenti f'din il-Qorti, fil-kawża "Pulizija vs. Borg" kien qal hekk:- "Atteso che sotto i provvedimenti di quelle leggi per strada s'intende *qualunque luogo di passaggio pubblico; atteso che per logica* e retta interpretazione, e tenuto conto dell'oggetto avuto in mira dal legislatore con quella disposizione, cioè la incolumità dei passanti, l'elemento costituente tali contravvenzioni è che il luogo........... sia di passaggio pubblico, indipendentemente dalla proprietà dello stesso";

Din l-istess Qorti, kif il-lum presjeduta, affermat l-istess prinċipju fil-kawża "Pulizija vs. Pace", 28. 6. 1952; illi ċioe'; il-fatt li l-art tkun "ex agris privatorum" ma jfisser xejn *dment li tkun ta'* passaġġ publiku;

L-eċċezzjoni tal-ewwel hi għalhekk mingħajr bażi;

Kwantu għat-tieni doljanza, ma jidherx li din il-Qorti għandha tindaħal fid-diskretiva tal-Ewwel Qorti fil-fissazzjoni tal-ammont tal-penali fil-latitudini tal-liġi;

Ikkunsidrat;

L-artikoli li jgħoddu għall-każ huma dawk fin-nota fol. 15, u mhux dawk ċitati mill-Maġistrat, ad eċċezzjoni tal-art. 352(cc) Kap. 12, li hu sewwa;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma (salv ir-riljev dwar l-artikoli ċitati) is-sentenza appellata. It-terminu jibda jgħaddi mil-lum.